**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 26 ta' Ottubru, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 628/2013 AF**

**Pacifiku Agius**

**Pawlu Agius**

**Maria Gatt neé Agius**

**Victoria Zarb neé Agius**

**Saviour Agius**

**kif ukoll Robert Agius f'ismu u ghan-nom ta' hutu li jinsabu assenti minn dawn il-Gzejjer, u cioè David Agius u Saviour Agius bhala eredi tad-defunt missierhom Peter Agius**

**vs**

**Michael Agius**

**Joseph *sive* Giuseppi Agius**

**u**

**Bartolomeo *sive* Bertu Agius**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-atturi Pacifiku Agius, Pawlu Agius, Maria Gatt neé Agius, Victoria Zarb neé Agius, Saviour Agius kif ukoll Robert Agius f'ismu u ghan-nom ta' hutu li jinsabu assenti minn dawn il-Gzejjer, u cioè David Agius u Saviour Agius bhala eredi tad-defunt missierhom Peter Agius, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-partijiet kontendenti huma lkoll ulied id-defunti Carmela Agius u Francesco Agius, bl-eccezzjoni tal-ahwa Robert Agius, David Agius u Saviour Agius li huma wlied id-defunt Peter Agius, li gie nieqes fid-19 ta' Gunju 2008 u li kien hu l-partijiet kontendenti.

L-imsemmija Carmela Agius giet nieqsa fid-9 ta' Jannar 1989, filwaqt illi Francesco Agius gie nieqes fil-5 ta' Mejju 2006.

L-imsemmija Carmela Agius mietet *ab intestato*, filwaqt illi s-successjoni ta' Francesco Agius giet regolata permezz ta' testment in atti Nutar Carmelo Mangion datat 24 ta' Lulju 1993.

In forza tal-istess testment, filwaqt illi permezz ta' diversi legati d-defunt Francesco Agius assenja a favur ta' kull wiehed u wahda minn uliedu diversi porzjonijiet ta' art kif ahjar deskritti f'tali testment, hu wkoll innomina u istitwixxa bhala eredi universali u padruni assoluti lil uliedu kollha f'sehem indaqs bejniethom ta' gidu kollu, bis-sostituzzjoni volgari ghal uliedhom, u in mankanza, bi dritt ta' akkrexximent bejniethom.

Oltre l-proprjetà specifikament indikata fit-testment tad-defunt Francesco Agius, u li giet assenjata lill-partijiet qua legatarji permezz tal-imsemmija legati, il-konjugi Francesco u Carmela Agius kellhom assi ereditarji ohra, li jinkludu depoziti bankarji u investimenti ohra, vettura rregistrata f'isem id-defunt Francesco Agius, oggetti mobbli ohra, fosthom ukoll oggetti relatati mas-sengha tal-biedja, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Oltre dawn l-oggetti mobbli, u formanti parti mill-massa ereditarja tal-konjugi Agius, hemm ukoll ghalqa maghrufa bhala "Tal-Gonna" fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar, tal-kejl ta' 'l fuq minn tomnejn, liema ghalqa giet denunzjata mill-atturi rikorrenti, u ghalhekk hija ahjar deskritta fid-dikjarazzjoni *causa mortis* li saret mill-istess atturi rikorrenti permezz ta' diversi atti datati 8 ta' Frar 2007 in atti Nutar Dottor Bartolomeo Micallef; illi din l-ghalqa hija franka, u kienet prorpjetà assoluta tal-konjugi Agius.

Dawn l-assi ereditarji baqghu ma gewx divizi bejn il-partijiet kontendenti, minkejja diversi diskussjonijiet bejniethom dwar id-diversi possibilitajiet ta' kif ghandhom jigu divizi u assenjati bejniethom, u fil-fatt il-partijiet baqghu ma waslux ghal ebda ftehim.

F'kaz li whud minn dawn l-oggetti mobbli u immobbli mhumiex komodament divizibbli, allura jkun opportun li jinbieghu in licitazzjoni sabiex kull wiehed mill-partjiet jircievi s-sehem spettanti lilu / lilha minn tali assi.

Ghalkemm il-konvenuti intimati gew interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghal tali likwidazzjoni u divizjoni, huma baqghu inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-massa ereditarja tad-defunti Francesco u Carmela Agius hija komposta minn diversi oggetti mobbli, kif ukoll immobbli, oltre dik il-proprjetà li giet assenjata lill-partijiet in forza ta' diversi legati, liema assi ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Tiddikjara illi l-partijiet kontendenti, fil-kwalità taghhom ta' eredi tad-defunti Francesco u Carmela Agius, huma lkoll proprjetarji ta' dawn l-assi ereditarji, u dan skond il-kwoti li ghandhom jigu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti.

3. Tiddikjara illi kull parti ghandha tircievi s-sehem spettanti lilu / lilha minn dawn l-assi ereditarji, u dan skond il-kwoti hekk stabbiliti.

4. Tillikwida l-assi ereditarji formanti parti mill-massa ereditarja tad-defunti konjugi Francesco u Carmela Agius, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, u f'kaz li tali assi mhumiex komodament divizibbli, tordna l-bejgh in licitazzjoni ta' tali assi ereditarji.

5. Tassenja a favur tal-partijiet kontendenti, jew min minnhom, dawk l-assi li huma komodament divizibbli, u/jew tassenja s-sehem spettanti lil kull parti mir-rikavat tal-bejgh tal-imsemmija oggetti, skond il-kaz, u okkorrendo tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv, filwaqt illi tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti intimati, ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenut Joseph Agius li permezz tagħha eċċepixxa illi:

L-eccipjent ma jopponix ruhu ghall-likwidazzjoni, l-qsim u l-assenjazzjoni tal-assi ereditarji tal-genituri tieghu, l-konjugi Francesco Agius u Carmela Agius, salvi d-drittijiet tieghu fuq art li jahdem f'San Pawl il-Bahar.

Ir-rikorrenti ghandhom jesebixxu b'kopja ghall-eccipjent, id-dokumentazzjoni kollha li tirreferi ghall-wirt tal-imsemmija Francesco u Carmela Agius, inkluz r-ricerki testamentarji tal-mejta Carmela Agius, id-denunzji u d-dikjarazzjonijiet *causa mortis*.

Ir-rikorrenti ghandhom ukoll jippruvaw il-konsistenza tal-assi tad-defunti Francesco u Carmela Agius, u jipprezentaw elenku dettaljat u dokumentat tal-assi kollha taghhom, kemm immobbli kif ukoll mobbli, inkluzi depoziti bankarji jew titoli ohra rapprezentanti flus.

Rat ir-risposta maħlufa ta' Michael Agius u Batolomeo *sive* Bertu Agius li permezz tagħha eċċepew illi:

L-intimat flimkien ma' huh Bartolomeo sive Bertu Agius detentur tal-Karta tal-Identità 328359(M) jissottomettu bir-rispett illi ghandu jkun hemm is-soprasessjoni ta' din il-kawza sakemm tigi deciza kawza ohra fl-ismijiet Michael Agius, Joseph *sive* Giuseppi Agius u Bartolomeo *sive* Bertu Agius vs Maria Gatt, Pacifiko Agius, Peter Agius, Saviour Agius, Victoria Zarb u Paul Agius li ghad hemm pendenti quddiem l-Onor. Imhallef Anna Felice stante illi l-mertu tagħha jirrespingi fuq din il-kawza.

L-assi kollha msemmija fir-rikors promotur u cioè l-proprjetà speciifkament indikata fit-testment tad-defunt Francesco Agius u li giet assenjata lill-partijiet *qua* legatarji permezz tal-imsemmija legati, l-ghalqa maghrufa "Tal-Gonna" fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar kif ukoll depoziti bankarji u investimenti ohra, vetturi rregistrati f'isem id-defunt Francesco Agius kif ukoll oggetti ohra mobbli relatati mas-sengha tal-biedja ghandhom jibqghu jiffurmaw parti mill-assi l-ohra li dwarhom hemm digà qbil.

F'dawn ic-cirkostanzi hemm lok ghas-soprasessjoni stante illi l-oggetti li jifformaw parti mill-eredità tad-defunt Francesco Agius jiddependu mill-ezitu tal-kawza l-ohra kif intqal fil-premess, u ghalhekk tezisti certu dipendenza.

L-Art. 794(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi "*l-eccezzjoni lis alibi pendens jew ta' konnessjoni ta' kawza ma' ohra tista' tinghata f'kull zmien sas-sentenza*".

L-intimati ahwa Michael Agius u Bartolomeo sive Bertu Agius jissottomettu illi jsegwi ghalhekk li l-kawza odjerna tigi mwaqqfa sakemm tigi deciza l-kawza 1114/07 AF stante illi kwalsiasi jedd vantat mill-intimati sovra indikati ghadu ma giex rikonoxxut

b'sentenza definittiva. Certament illi tali decizjoni turi bic-car li s-sentenza fil-kawza l-ohra sejra tinciedi fuq l-odjerna kawza u vici versa stante li l-mertu taz-zewg kawzi huma intimament konnessi.

Ghaldaqstant l-intimati u cioè Michael Agius kif ukoll Bartolomeo *sive* Bertu Agius filwaqt li jgibu 'il fuq espost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti jitolbuha bir-rispett sabiex tissosspensjona dawn il-proceduri sakemm tinghata sentenza fuq il-kawza l-ohra fl-ismijiet Michael Agius, Joseph *sive* Giuseppi Agius u Bartolomeo *sive* Bertu Agius vs Maria Gatt, Pacifiko Agius, Peter Agius, Saviour Agius, Victoria Zarb u Paul Agius li ghad hemm pendenti quddiem l-Onor. Imhallef Anna Felice stante illi l-mertu taghha jirrespingi fuq din il-kawza u dan taht dawk il-provedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti atturi.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din tal-lum hija kawża dwar qsim ta' wirt. Permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qed jitolbu lill-Qorti tqassam u tassenja bejn il-kontendenti f'din il-kawża il-massa ereditarja tad-defunti ġenituri tagħhom Francesco u Carmela Agius.

Il-konvenut Joseph Agius jeċċepixxi li mhux jopponi għal qsim u assenjazzjoni tal-assi ereditarji tal-ġenituri tiegħu b'dan illi jeċċepixxi li l-atturi għandhom jippreżentaw id-dokumenti kollha li jirreferu għall-wirt ta' Francesco u Carmela Agius u kif ukoll li jippruvaw fiex jikkonsistu l-assi tad-defunti.

Il-konvenuti Michael Agius u Bartolomeo *sive* Bertu Agius jeċċepixxu biss illi din il-kawża m'għandhiex tinstema' sakemm tiġi deċiża dik fl-ismijiet inversi li tirrigwarda il-legat tal-art tax-Xwieki, limiti tal-Iklin, imħolli permezz tat-tielet artikolu tat-

testment ta' Francesco Agius.  Din l-eċċezzjoni hija sorvolata in kwantu li dik il-kawża wkoll qegħda tiġi deċiża llum.

Jirrizulta illi Carmela Agius mietet *ab intestato* fid-9 ta' Jannar 1989.  Peress illi Carmela Agius mietet qabel l-emendi fil-liġi tas-suċċessjoni tal-2004, tgħodd il-liġi kif kienet fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni.  Għaldaqstant, lil Carmela Agius wirtuha d-disa' uliedha.

Żewġha Francesco Agius, u ċioè missier il-kontendenti, miet fil-5 ta' Mejju 2006 u s-suċċessjoni tiegħu hija regolata permezz ta' testment tal-24 ta' Lulju 1993 fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion. Wara li ħalla diversi legati, it-testatur innomina u istitwixxa lid-disa' uliedu bħala eredi universali tiegħu kollha ndaqs bejniethom, bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedhom, u in mankanza, bi dritt ta' akkrexximent bejniethom.

Jirriżulta li wieħed mill-aħwa, Peter Agius, laħaq miet qabel saret din il-kawża iżda wara li mietu l-ġenituri tiegħu u allura s-sehem tiegħu għandu jinqasam bejn uliedu l-atturi Robert, Saviour u David Agius.

Mill-atti ma jirriżultax li l-konjuġi Agius kellhom xi proprjetà parafernali.  Peress illi l-aħwa Agius wirtu lill-ġenituri tagħhom fi kwoti ugwali, salv għal-legati li ser jissemmew aktar 'il quddiem f'din id-deċiżjoni, il-massa ereditarja tal-konjuġi Agius, għandha tinqasam u tiġi assenjata kwantu għal sehem ta' wieħed minn disgħa (1/9) kull wieħed lil Pacifiku Agius, Pawlu Agius, Maria Gatt, Victoria Zarb, Saviour Agius, Michael Agius, Joseph Agius, u Bartolomeo Agius u wieħed minn sebgħa u għoxrin (1/27) kull wieħed lil Robert Agius, David Agius u Saviour Agius bħala eredi ta' missierhom Peter Agius.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-assi immobbli tad-defunti konjuġi Agius jikkonsistu fis-segwenti:

1. Raba magħrufa bħala 'Ta' Ġnien Benien', sive ta' Xwieki, Iklin;

2. Tomnejn raba fl-inħawi magħrufa bħala 'Tal-Ġonna', Burmarrad.

Fuq inkarigu ta' Pacifico Agius, il-Perit Paul Micallef għamel stima taż-żewġ porzjonijiet raba magħrufa bħala 'Tal-Ġonna', Burmarrad, fis-somma ta' €35,000 u €46,600 rispettivament. Il-kontendenti kollha ddikjaraw li qed jaqblu ma' dawn l-istejjem.

L-assi mobbli tad-defunti konjuġi Agius jikkonsistu fis-segwenti:

1. Lm10,000, illum €23,293.73 fi flus kontanti li qasmu l-aħwa bejniethom. Dwar dawn il-flus ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni;

2. Van tad-ditta 'Toyota';

3. Mutur tal-ħart bil-karru tad-ditta 'Holder';

4. Mutur tal-ħart tad-ditta 'Agria';

5. Mutur żgħir;

6. Mutur tal-ħsad;

7. Mutur tal-ħart;

8. Mutur tad-ditta 'Howard';

9. Żewġ snieter. Minkejja li skont ir-rekords uffiċjali d-defunt kellu ħames snieter, f'din il-kawża ssemmew biss tnejn li wieħed minnhom jinstab taħt il-kustodja tal-pulizija;

10. Flus iddepożitati mal-Bank of Valletta;

    a. Numru tal-kont: 16303842014 - €3, 621.64

    b. Numru tal-kont: 16303842027 - €12, 054.71

    c. Numru tal-kont: 16303842030 - €7, 711.29

    d. Numru tal-kont: 16303842043 - €30, 619.06

    e. Numru tal-kont: 16303842056: €19, 489.76

11. Investimenti mal-bank tar-Renju Unit bl-isem *National Savings and Investments* fis-somma ta' £3,979.03, ekwivalenti llum għal madwar €4,593.

12. €1,891.45 depożitati taħt l-awtorità tal-Qorti favur il-kontendenti kollha għall-fidi ta' ċens perpetwu tal-porzjon ta' sit fabbrikabbli li tagħmel parti mill-għalqa magħrufa bħala 'Ta' Ġnien Benien', fil-kuntrada tax-Xwieki jew tal-Iklin, ta' *circa* 406 qasab kwadru.

Francesco Agius ħalla b'legat lil kull wieħed u waħda minn uliedu in piena proprjetà parti diviża mill-għalqa *ossia* raba magħrufa bħala 'Ta Ġnien Benien', sive Ta' Xwieki, Iklin. Kull parti *ossia* plot ġiet immarkata fuq pjanta annessa mal-istess testment. Lil sitta minn uliedu, id-defunt ħallielhom parti diviża oħra minn din l-art, b'mod li allura din ir-raba nqasmet fi hmistax-il plot, disgħa 'mal-wied' u sitta 'mat-triq'. Dan il-legat huwa l-mertu tal-proċeduri fl-ismijiet inversi bin-numru 1114/2007. Dan il-każ ser ikun deċiż ukoll illum minn din il-Qorti kif presjeduta.

It-testatur ħalla wkoll b'legat lil uliedu l-bniet Maria Gatt u Vivienne (Victoria) Zarb is-somma ta' Lm1,000, illum €2,329.27 kull wieħed bħala ħlas ta' serviġi reżi minnhom lilu. Ordna wkoll li mill-assi tiegħu '*jiġi prevalat is-somma ta' elf liri maltin (Lm1,000), biex isirulu funerali diċenti, u jiġi konċelebrati Quddies għas-suffraġu ta' ruħu.*'

Dwar il-mobbli, jidher li uħud mill-aħwa tellgħu numru ta' oġġetti bix-xorti imbagħad partu bejniethom. Iżda l-kontendenti mhumiex jaqblu bejniethom dwar kull wiehed fil-fatt x'irceva. Dwar il-valuri ta' kull oġġett, l-attriċi Maria Gatt ippreżentat kopja ta' dokument miktub bl-idejn li skont hi juri l-valur ta' kull oġġett kif maqbul bejn il-kontendenti. Madanakollu, il-konvenut Michael Agius isemmi valuri oħra għal tnejn minn dawn l-oġġetti u jgħid ukoll li Pacifiko Agius kien ħa *part* mill-mutur li kellu jieħu hu, filwaqt illi Giuseppe Agius xehed illi kien xtara mutur minnhom mingħand ħuħ Pawlu. Fin-nuqqas ta' prova ċara dwar dawn l-oġġetti u minħabba t-trapass taż-żmien, il-Qorti tqis illi m'għandha l-ebda għażla oħra ħlief tiddikjara li dawn il-mobbli għandhom jibqgħu għand min jinsabu b'dan illi s-senter li jinsab

fil-kustodja tal-pulizija għandu jinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn il-werrieta.

Il-flus depożitati mal-banek għandhom jinqasmu bejn il-kontendenti, kulħadd skont sehemu. Il-kontendenti għandhom dritt ukoll għall-flus depożitati taħt l-awtorità tal-Qorti għall-fidi ta' ċens ta' parti mill-għalqa 'Ta Ġnien Benien', Iklin. Il-legati konsistenti fil-plots formanti mill-istess raba għandhom jinqasmu kif ordna d-defunt Francesco Agius fit-tieni u tielet artikoli tat-testment tiegħu.

In vista tan-numru ta' werrieta, jirriżulta biċ-ċar li ż-żewġ porzjonijiet raba magħrufa bħala 'Tal-Ġonna', Burmarrad, mhumiex komodament diviżibbli u allura l-Qorti ser tordna l-bejgħ tar-raba bil-liċitazzjoni.

Finalment, jirriżulta li Francesco Agius kellu wkoll art tal-Gvern bi qbiela ma oħrajn. Il-porzjon tiegħu għandha ddur fuq l-eredi kollha in solidum bejniethom wara li dawn iħallsu l-arretrati tal-qbiela pagabbli lill-Awtorità tal-Artijiet.

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawza billi:

1. Tiddikjara li l-massa ereditarja tad-defunti Francesco u Carmela konjuġi Agius hija komposta mid-diversi oġġetti mobbli u immobbli li ġew elenkati f'din id-deċiżjoni;

2. Tiddikjara li l-kontendenti Pacifiku Agius, Pawlu Agius, Maria Gatt, Victoria Zarb, Saviour Agius, Michael Agius, Joseph Agius u Bartolomeo Agius huma proprjetarji ta' wiehed minn disgha (1/9) kull wiehed tal-eredità tal-genituri taghhom Francesco u Carmela Agius, filwaqt li Robert Agius, David Agius u Saviour Agius ghandhom wiehed minn sebgha u ghoxrin (1/27) kull wiehed mill-eredità ta' Francesco u Carmela Agius;

3. Tordna li l-flus kollha li jinsabu depożitati mal-Bank of Valletta u mal-bank esteru *National Savings and Investments* f'isem Francesco Agius għandhom jinqasmu bejn il-kontendenti, kulħadd skont sehemu, u dan wara li

minn dawn il-flus (i) jitħallsu l-legati lill-kontendenti Maria Gatt u Victoria Zarb u (ii) jitħallsu l-arretrati tal-qbiela lill-Awtorità tal-Artijiet;

4. Tordna li l-flus depożitati permezz taċ-ċedola ta' depożitu tas-27 ta' Awwissu 2015 fl-ismijiet Pisani Brothers Limited vs Robert Agius et, għandhom jiġu rilaxxati favur il-kontendenti, kulħadd skont sehemu;

5. Tordna li l-legati konsistenti fil-plots formanti mir-raba magħrufa bħala 'Ta' Ġnien Benien', sive 'Ta' Xwieki', Iklin, għandhom jinqasmu u jiġu assenjati lill-kontendenti skont kif ordna d-defunt Francesco Agius fit-tieni u t-tielet artikolu tat-testment tiegħu;

6. Riferibbilment għall-mobbli l-oħra, dawn għandhom jibqgħu għand min jinsabu, b'dan illi s-senter li jinsab fil-kustodja tal-pulizija għandu jinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti kulhadd skond sehemu;

7. Tiddikjara li ż-żewġ porzjonijiet ta' raba magħrufa bħala 'Tal-Ġonna', Burmarrad, tal-kejl ta' circa tomna u tomna u kwart, formanti parti mill-eredità tad-defunti Francesco u Carmela Agius mhumiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti fil-kwoti rispettivi tagħhom;

8. Tordna li ż-żewġ porzjonijiet ta' raba magħrufa bħala 'Tal-Ġonna', Burmarrad, tal-kejl ta' circa tomna u tomna u kwart jinbiegħu b'liċitazzjoni bil-parteċipazzjoni wkoll ta' oblaturi estraneji. Għall-fini ta' valutazzjoni, il-prezz tal-bejgħ b'liċitazzjoni għandu jibda mill-istejjem Z1 u Z2 li jinsabu a fol. 132 u 134 tal-proċess.

9. Tordna li r-rikavat tal-bejgħ, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż relattivi għal-liċitazzjoni, jiġi diviż bejn il-kontendenti skont il-kwoti rispettivi tagħhom.

L-ispejjeż ta’ din il-kawża għandhom jitħallsu mill-kontendenti kollha, kulħadd skont sehemu mill-wirt ta’ Francesco u Carmela konjuġi Agius.

IMHALLEF

DEP/REG